Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13082/22

SOC 538
EMPL 369
SAN 543

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol<br>Ħatra tas-Sur Tobias SONNWEBER, membru supplenti għall-Awstrija, minflok is-Sa Stephanie PROPST, li rriżenjat |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Stephanie PROPST bħala membru supplenti tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem (għall-Awstrija).

2. Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/C 218/01[1], il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

[1] ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Awstrija nnomina lill-kandidat li ġej biex jissostitwixxi lill-membru supplenti li rriżenjat għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025:

Is-Sur Tobias SONNWEBER
Industriellenvereinigung – Bereich Arbeit, Soziales und Gesundheit
Schwarzenbergplatz 4
1010 Wien
Tel: +43 1/711 35-2651
*E-Mail:* *tobias.sonnweber@iv.at*

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jirrakkomanda lill-Kunsill biex:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**ANNESS**

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003[2] li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2022[3] il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2025.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Stephanie PROPST, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem.

(3) Il-gvern tal-Awstrija nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[2] ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.
[3] ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1.

Artikolu 1

Is-Sur Tobias SONNWEBER huwa b'dan maħtur membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Stephanie PROPST, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President